**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 11 / 2011

Il-Laqgha Nru 11/2011 tal-Ewwel Amministrazzjoni saret nhar it-Tlieta, 5 t' April 2011 fis-6pm fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien. Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :** Attendenza

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joseph Attard | V/President, , Sindku Zejtun |
| Is-Sur Joe Spiteri | V/Sindku Valletta |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sur Franco Davies | V/Sindku Furjana |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku Marsaskala |
| Is-Sur Dominic Grima | Sindku Paola |
| Is-Sur Tony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Marsaxlokk
Sindku Kalkara
Sindku Isla
Sindku Birgu

**Assenti :**
Sindku Bormla
Sindku Marsa

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

## 11.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru.10/2010 mizmuma fl-4 ta' Frar 2011 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Vici Sindku tal-Fgura irreleva li fil-laqgħa msemmija hu kien ippreżenta abbozz tar-regolamenti dwar l-Emblema li tħejjew mis-sotto-kumitat imwaqqaf apposta. Għalhekk talab li ssir addenda fis-sens li dan l-abbozz tar-regolamenti kien ġie ppreżentat u diskuss u li kienet ittieħdet deċiżjoni mill-Kumitat li qabel jitnieda l-konkors ikunu kkonsultati r-reġjuni l-oħra dwar forma erarldika komuni.

Il- Kumitat approva l-Minuti (u li ssir l-addenda), liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

11.2 **Punti Mqajjma**

11.2.1 **Belt Kapitali Ewropeja tal-Kultura 2018**

Belt Kapitali Ewropeja tal-Kultura 2018

Il-President semma li kull kunsill applika.
Il-Vici President qal li f' dan l-istadju kulhadd jaf mhux ufficcjalment li l-Belt Valletta ser tigi maghzula izda ghadhom ghaddejin proceduri barra minn Malta dwar l-applikazzjoni ghall-Malta li suppost gia kienet maghzulha..

11.2.2 **Ufficcju Amministrattiv tar-Regjun**

Ufficcju Regjonali

Il-President tkellem dwar dan fil-laqgha li kellu mad-Direttur il-gdid, is-Sur Carm Abela fl-14 ta' Marzu 2011.
Dwar dan tkellem ukoll mas-Segretarju Parlamentari l-Hon. Dr Chris Said it-Tnejn, 4 t'April 2011, fejn nfurmah li sal-lum hadd ghadu ma nfurmah x' qed jigri, aktar u aktar meta l-Hon. Dr Said qallu li l-iffirmar tal-kuntratt ta' ufficcju biswit il-Kumitat Kongunt iz-Zejtun huwa imminenti, liema fatt ikkonfermah seduta stante l-Vici Sindku taz-Zejtun.
Il-President informa lill-Onor Dr. Chris Said waqt din il-laqgha, li r-Regjun ser johrog sejha pubblika dalwaqt. L-Onor Dr Chris Said indika li l-ufficcju kellu jikkonsisti f' board room, zewg ufficini, u toilet u li d-dipartment jhallas biss ghall-din il-kirja sakemm ir-Regjun ikun ghad mhux jiggenera ntrojtu.
Il-President qal li barra minn hekk il-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien ghandu jigi kkumpensat talli qed joffri l-lokazzjoni u s-servizzi lir-Regjun.
Enfasizza li minn meta gew identifikati l-post taz-Zejtun u dak ta' Hal-Tarxien ghal-kiri sentejn ilu, sal-lum ghadu hadd ma kkomunika mieghu.

11.2.3 **Photovoltaic Units**

Photovoltaic Units

Il-President semma konferenza tal-HENC, li kienet ghad kemm saret Malta dwar sistemi alternattivi ghall-generazzjoni ta' energija nadifa. Jezistu fondi Ewropej li r-Regjun jista' jmur ghalihom direttament.
Il-Vici Sindku tal-Fgura pero' gibed l-attenzjoni li dwar fondi, Malta ghada b' sistema kollha centralizzata b' accountability totali u mhux bhal pajjizi ohra ez. L-Italja..

11.2.4 **Servizz ta' Trasport bil-Lanca fil-Port il-Kbir**

Servizz ta' Trasport bil-Lanca fil-Port il-Kbir

Il-President semma laqgha li saret fit-18 ta' Marzu 2011 mal-Ko-operattiva tal-Barklori specifikament mas-Sur Lawrence Ancilleri, liema laqgha kellha ezitu posittiv hlief ghal problema li tezisti bejn il-barklori u l-VISET dwar hlas mistenni meta dawn igorru klijenti mill-Valletta Waterfront lejn il-Kottonera.

11.2.5 **Tender tal-LES**

LES

Il-President informa lil dawk prezenti li l-process ta' evalwazzjoni tat-tender kien issokta wara li kien gie mgieghel jieqaf sakemm gie processat il-protest ta' wahda mill- kumpaniji li tefghu it-tender. Il-Board talab lit-tenderers xi kjarifiki, u liema kjarifiki kienu kollha waslu illum.
Illum stess waslet e-mail minghand l-Assistant Direttur, is-Sur Cleavon Vella dwar tigdid tal-Kuntratti tal-Infurzar Lokali fid-dawl tat-transizzjoni tal-funzjonijiet tal-Kumitati Konġunti għall-Kumitati Reġjonali.
Kif kien diġa nstruwit il-Kumitati Konġunti kollha jistgħu jġeddu l-kuntratti tal-infurzar lokali xahar b'xahar immedjatament qabel li dawn ikunu

ser jiskadu, provdut li tali tiġdid jkun jista' jiġi terminat b'avviż ta'ġimgħa (*one week notice*) mill-Kumitat Konġunt lill-kuntrattur fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment. Dan l-arranġament japplika biss għal dawk il-kuntratti tal-infurzar lokali li jagħlqu dan ix-xahar. Dawk il-kuntratti li jagħlqu s-sena d-dieħla huma esklużi.
Sindki li huma membri tat-Tribunali taz-Zejtun u tal-Fgura qalu li min jghati dan is-servizz irid izomm dawn il-kundizzjonijiet prezenti.
Barra min hekk, il-ftehim kollettiv mal-Union gie fis-sehh mill-1 t' April 2011 u mhux meta tibda tiffunzzjona s-sistema l-gdid.
Il-President qal li jekk mhux ser jigu accettati dawn il-kundizzjonijet, allura lesti li jwaqqfu s-sistema kif irrikomanda fil-Kumitat Kongunt taz-Zejtun

11.2.6 **Emblema/Logo ghar-Regjun**

Emblema/Logo ghar-Regjun

B' zieda ma' dak li kien semma l-Vici Sindku tal-Fgura fil-bidu tal –laqgha, il-President qal li kien gie tqassam permezz ta' e-mail id-dokument dwar abbozz ta' regolamenti għall-konkors ta' emblema għar-Regjun. Huwa sostna li s-sottokumitat ta' dan ir-Regjun kien proattiv, ħareġ bl-idea u fassal ir-regoli. Il-viċi-sindku tal-Fgura qal li l-uniformita bejn ir-Reġjuni hija mportanti anki fis-sens tal-forma eraldika u li wieħed jista' jesplora wkoll jekk għandux ikun hemm xi element li jiddistingwi l-emblemi tar-reġjuni minn dawk tal-kunsilli. Il-President qal li għandhom ikunu nfurmati b' din l-inizzjattiva l-Onor Dr Chris Said, id-Direttur, kif ukoll l-AKL.

## 11.3 Affarijiet Finanzjarji

11.3.1 **Xiri ta' Laptop u skrivanija ghall-uzu tas-Segretarju Ezekuttiv**

Laptop u skrivanija ghas-Segretarju Ezekuttiv

Il-President informa lil dawk prezenti li l-laptop u l-iskrivanija kienu inxtraw.

11.3.2 **Hlas ghal Accounts Course ghas-Segretarju Ezekuttiv**

Hlas ghal Accounts Course ghas-Segretarju Ezekuttiv

Il-President semma li s-Segretarju Ezekuttiv interessata li tattendi course ACCOUNTS FOR THE NON-ACCOUNTANT imhejji minn HRD CONSULTANCY SERVICES & CO, twil 6 sessjonijiet ta' saghtejn il-wahda bi prezz ta' €65. Staqsa lil dawk prezenti jekk jaqblux li r-Regjun ghandux ihallas ghal dan il-kors. Kien hemm qbil unanimu.

## 11.4 Affarijiet Ohra

11.4.1. **Ittra Legali minghand l-Avukat tal-Agent Segretarju Ezekuttiv**

Ittra Legali minghand l-A/Segretarju Ezekuttiv

Il-President prezenta ittra mibghuta minn Dr John Vassallo, l-avukat tas-Sur Maurice Mallia, l-eks Agent Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun Xlokk fejn qal li l-hlas li rcieva ma kienx xieraq.
Is-Sindku tax-Xaghjra staqsa jekk is-Sur Mallia thallasx ghal xoghol li wettaq waqt l-istess hinijiet li kien qed jaqdi dmiriijietu bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien ! Ghandu jigi mistoqsi kif wasal ghal dawk il-figuri, meta u fi x' hin hadem is-sieghat u ghandu jirrifondi dawk il-flus jekk jirrizulta li hu hadem waqt l-istess hin li kien Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.
Il-Vici President qal li dan inqala minhabba li ma kien sar l-

ebda ftehim dwar hin u rata qabel, bhal ma kien ghamel is-Sur Mallia stess meta kien segretarju tal-kumitat tas-sistema tad-dwal tat-toroq.

11.5 **<u>Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament</u>**

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta, 17 ta' Mejju, 2011 fis-6.00pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia** | **M' Lourdes Lautier** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |